22003D0057

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 57/2003

tas-16 ta' Mejju 2003

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX għall-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2003 tal-31 ta' Jannar 2003 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) L-Islanda għandha numru ta' muniċipalitajiet żgħar u muniċipalitajiet żgħar ħafna f'żoni periferali fejn l-art għar-radam ta' l-iskart hi limitata.

(4) It-trasport lejn u minn dawn il-muniċipalitajiet hu diffiċli matul parti kbira mis-sena u jagħmel il-ġbir ta' skart minn żona iktar wiesa' għall-fabbriki ikbar ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni mhux mixtieq jew saħansitra impossibbli.

(5) Biex ma titkompliex il-prattika ta' qabel tal-ħruq fil-miftuħ ta' l-iskart, xi muniċipalitajiet periferali waqqfu fabbriki ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni li jittrattaw inqas minn tunnellata waħda ta' skart kull siegħa.

(6) Il-kejl kontinwu u għali ħafna ta' l-emissjonijiet kif ukoll il-kejl ta' kull sitt xhur tad-"*dioxin*" mitluba mid-Direttiva 2000/76/KE iqiegħdu piż sproporzjonat fuq dawn il-fabbriki ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni tal-muniċipalitajiet periferali.

(7) L-obbligu ta' kejl kontinwu ta' l-emissjonijiet għandu għalhekk ikun mibdul b'kejl annwali u l-kejl ta' kull sitt xhur tad-"*dioxin*" għandu jkun mibdul b'kejl wieħed mhux ripetut għal dawn il-fabbriki ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni.

(8) Fid-dawl ta' l-impatt ambjentali limitat tagħhom kif ukoll ir-restrizzjonijiet ekonomiċi li jiltaqgħu magħhom, il-fabbriki ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni li jittrattaw inqas minn tunnellata ta' skart kull siegħa għandhom ikunu eżenti milli josservaw il-valuri tal-limitu ta' l-emissjoni li jinsabu fid-Direttiva 2000/76/KE u għandhom jibqgħu suġġetti għall-valuri tal-limitu ta' l-emissjoni li jinsabu fid-Direttivi 89/369/KEE ([3]) 89/429/KEE ([4]) u 94/67/KE ([5]).

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 73.
([2]) ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91.
([3]) ĠU L 163, tat-14.6.1989, p. 32.
([4]) ĠU L 203, tat-15.7.1989, p. 50.
([5]) ĠU L 365, tat-31.12.1994, p. 34.

(9) Għall-istess raġunijiet, fabbriki ta' inċinerazzjoni li jittrattaw iktar minn tunnellata waħda imma inqas minn tlett tunnellati ta' skart kull siegħa għandhom ikunu suġġetti għall-kejl wieħed li mhux ripetut tad-"*dioxin*" u għandhom ikunu eżenti mill-osservanza tal-valuri tal-limitu ta' l-emissjoni li jinsabu fid-Direttiva 2000/76/KE u għandhom jibqgħu suġġetti għall-valuri tal-limitu ta' l-emissjoni li jinsabu fid- Direttivi 89/369/KEE, 89/429/KEE u 94/67/KE,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XX għall-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jkun imdaħħal wara l-punt 32dd (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE):

"32de. **32000 L 0076**: Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart (ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għall-iskopijiet tal-Ftehim, għandhom jinqraw flimkien ma' l-adattamenti enumerati fl-Appendiċi għal dan l-Anness."

2. Dan li ġej għandu jkun miżjud fil-punti 20 (Direttiva tal-Kunsill 89/369/KEE), 21 (Direttiva tal-Kunsill 89/429/KEE) u 21b (Direttiva tal-Kunsill 94/67/KE):

", kif emendata bid:

– **32000 L 0076**: Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91).

Id-dispożizzjonijiet tad- Direttiva, għall-iskopijiet tal-Ftehim, għandhom jinqraw flimkien ma' l-adattamenti enumerati fl-Appendiċi għal dan l-Anness."

3. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud fil-punt 26 (Direttiva tal-Kunsill 75/439/KEE):

"– **32000 L 0076**: Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għall-iskopijiet tal-Ftehim, għandhom jinqraw flimkien ma' l-adattamenti enumerati fl-Appendiċi għal dan l-Anness."

4. L-intestatura "APPENDIĊI GĦALL-ANNESS XX" għandha tkun imdaħħla wara l-punt 40 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/680/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

5. L-adattamenti msemmija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom ikunu mdaħħla bħala t-test ta' l-Appendiċi għall-Anness XX.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2000/76/KE bil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li ser ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, bil-kondizzjoni li jiġu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda kondizzjoni kostituzzjonali mhi indikata.

L-ANNESS

GĦAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 57/2003

"Adattamenti għad-Direttiva 2000/76/KE ta' l-4 ta' Diċembru 2000

(a) Fl-Islanda, il-fabbriki eżistenti ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni ta' Ísafjörður, Tálknafjörður, Hófshreppur (Svínafell), Kirkjubæjarklaustur, Vestmannaeyjar u Patreksfjörður, li jittrattaw inqas minn tunnellata waħda ta' skart kull siegħa, sa meta ma jibqgħux jitħaddmu, għandhom ikunu suġġetti għad-Direttiva bl-adattamenti li ġejjin:

(i) Bl-eċċezzjoni tad-'*dioxins*', il-kejl tal-'*pollutants*' ta' l-arja msemmija fl-Artikolu 11(2)(a) u (c) għandu jitwettaq fuq bażi annwali.

(ii) L-Artikoli 11(4) u 11(6) m'għandhomx japplikaw.

(iii) Fl-Artikolu 11(7) il-kliem 'minn darbtejn fis-sena għal darba kull sentejn għad-"*dioxins*" u għall-"*furans*" minn darbtejn fis-sena għal darba fis-sena' għandhom ikunu mibdula bil-kliem 'minn darba fis-sena għal darba kull sentejn'.

(iv) L-Artikoli 11(10), 11(11), 11(12), 11(13), 11(14), 11(16) u 11(17) m'għandhomx japplikaw.

(v) '*Dioxins*' għandhom ikunu suġġetti biss għall-kejl wieħed mhux ripetut li r-riżultati tiegħu għandhom ikunu notifikati lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Ħieles.

(b) Il-fabbriki ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandhom jibqgħu suġġetti għall-valuri tal-limitu ta' l-emissjoni pprovdut fid-Direttivi 89/369/KEE, 89/429/KEE u 94/67/KE.

(ċ) Fl-Islanda, il-fabbrika eżistenti ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni ta' Suðurnes, li tittratta iktar minn tunnellata imma inqas minn tlett tunnellati ta' skart kull siegħa, sakemm ma tibqax titħaddem aktar, għandha tkun suġġetta għad-Direttiva bl-adattamenti li ġejjin:

(i) '*Dioxins*' għandhom ikunu suġġetti biss għall-kejl wieħed mhux ripetut, li r-riżultati tiegħu għandhom ikunu notifikati lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Ħieles.

(ii) Il-valuri tal-limitu ta' l-emissjoni ta' l-arja pprovduti fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta' l-Anness V għad-Direttiva m'għandhomx japplikaw u l-valuri korrispondenti tal-limitu ta' l-emissjoni ta' l-arja pprovduti fid-Direttivi 89/369/KEE, 89/429/KEE u 94/67/KE għandhom ikomplu japplikaw.

(d) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (b) u (c)(ii), l-Artikolu 8(1) u l-Anness għad-Direttiva 75/439/KEE kif ukoll id-Direttivi 89/369/KEE, 89/429/KEE u 94/67/KE għandhom ikunu mħassra.

(e) Il-paragrafi (a) sa (d) għandhom ikunu suġġetti għar-reviżjoni kull ħames snin jew kull meta tkun żviluppata teknoloġija ġdida u irħas għall-kejl iktar estensiv tat-tniġġis, liema tiġi l-ewwel."